# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**ILLUM, 19 ta' Ottubru 2023**

**Rikors Nru. 567/2023 GM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Joseph Paul Camilleri (K.I. numru 372777 (M))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) li permezz tiegħu wara li ppremetta illi :

1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi skrittura privata datata 17 ta' Frar 2010 (Dok. "A") is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilita` bankarja lil Joseph Paul Camilleri.

2. Is-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut Joseph Paul Camilleri fis-somma ta' tlieta u għoxrin elf, tmin mija u erbgħa u tmenin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€23,884.97) bilanċ għad-debitu fil-"*Consumer Loan Account*" ta' Joseph Paul Camilleri

mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-4 ta' Frar 2023 sad-data tal-effettiv pagament.

3. Seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn eżibiti bħala Dokument "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph Paul Camilleri: (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Joseph Paul Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.

4. L-attriċi nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Il-konvenut Joseph Paul Camilleri ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 21 ta' Marzu 2022, li kopja tagħha qed tiġi hawn eżibita u mmarkata Dok 'C' sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huwa baqa' inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.

Talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u Tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn eżibita bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph Paul Camilleri (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Joseph Paul Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u

2. Tikkundanna lil Joseph Paul Camilleri jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlieta u għoxrin elf, tmin mija u erbgħa u tmenin ewro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€23,884.97) bilanċ għad-debitu fil-"*Consumer Loan Account*" ta' Joseph Paul Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-4 ta' Frar 2023 sad-data tal-effettiv pagament.

Rat illi minkejja l-konvenut huwa debitament notifikat għall-effetti kollha tal-liġi[1] baqa' ma ppreżenta ebda risposta maħlufa fit-terminu mogħti lilu mil-liġi u għalhekk għandu jitqies li huwa kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġijiet.

Semgħet ix-xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank li kkonfermat li ma kien hemm l-ebda pagament min-naħa tal-konvenut mid-data tal-ftuħ ta' din il-kawża.

Rat in-Nota ta' ammissjoni tal-konvenut datata 28 ta' Settembru 2023 li permezz tagħha ammetta t-talbiet kollha miġjuba kontrih.[2]

***Decide***

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

(1) Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph Paul Camilleri (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lill-Bank kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Joseph Paul Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi, u

---

[1] Fol. 22.
[2] Fol..28.

(2) Tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lil Joseph Paul Camilleri jħallas lill-Bank is-somma ta' €23,884.97 bilanċ għad-debitu fil-"*Consumer Loan Account*" ta' Joseph Paul Camilleri mal-Bank flimkien mal-imgħax ulterjuri mill-4 ta' Frar 2023 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjeż a karigu tal-konvenut.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA